MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 13/2012

**A B**
**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-27 ta' Novembru 1993 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, D, J u T ta' sbatax (17), hdax (11) u erbgha (4) snin rispettivament;

2. Illi z-zwieg ta' bejniethom tfarrak u tkisser irremedjabbilment minhabba eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet ohra validi fil-Ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibbli u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond il-Ligi, bi htija imputabbli unikament tal-konvenut;

3. Illi minhabba d-djun konsiderevoli li garrab il-konvenut, il-hajja tal-attrici u ta' wliedhom saret difficli hafna tant illi, apparti li ma hija tircievi ebda manteniment ghaliha u ghall-ulied minuri, lanqas ghandhom post ta' abitazzjoni u hija kostretta tghix ma' ommha flimkien ma' wliedhom;

4. Illi ghalhekk il-hajja konjugali m'ghandiex aktar possibbli;

5. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti;

6. Illi l-fatti hawn dikjarati tafhom hi persosnalment;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentement tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut;

2. tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti u wliedhom minuri fuq imsemmija, tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti;

3. tafda l-kura u kustodja tal-minuri D, J u T lill-kontendenti b'mod kongunt kif jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrent u l-ohra lill-intimat, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

5. Tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-esponenti il-beni kollha parafernali taghha;

7. Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum u hin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;

8. Tappunta espert komputista sabiex jirrelata dwar id-djun ezistenti u l-assi ezistenti;

9. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha Holland;

10. Tawtorizza lill-esponenti illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota guramentata tal-attrici tat-23 ta' Marzu 2012;

Semghet lix-xhieda illi gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi illi tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;
Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici:

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet bl-applikazzjoni tal-Artikoli 48 et seq, ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, talba specifika sabiex l-intimat jigi ordnat jirritorna lura l-beni kollha parafernali tagħha kif ukoll talbiet relatati b’mod dirett mal-minuri wlied il-partijiet, u cioe’ talba ghall-kura u l-kustodja tal-minuri u talba ghall-manteniment.

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-intimat gie debitament notifikat fit-22 ta’ Marzu 2012, l-intimat baqa’ ma ntavolax ir-risposta guramentata tieghu u konsegwentement huwa meqjuz bhala kontumaci f’dawn il-proceduri.

**<u>VERZJONI RIKORRENTI</u>**

Ir-rikorrenti tghid li kienet ilha tohrog mal-intimat ghal disa` xhur meta ndunat li kienet harget tqila. Peress li ma inghatatx is-sapport li xtaqet, l-alternattivi li inghatat kienu tnejn – li taghmel abort jew li tizzewweg. Iz-zwieg gie celebrat meta l-istess rikorrenti kellha erba’ xhur tqala. Ir-rikorrenti tghid li wara t-twelid tal-ewwel tarbija bdiet tbati minn *post-natal depression* kif ukoll *anorexia* filwaqt li l-intimat kien ghamel hbiberija specjali ma’ kollega tieghu ghalkemm dejjem cahad li qatt kellu xi relazzjoni ma’ din il-kollega.

Hi tirrakkonta kif l-intimat beda jaghmel *shopping sprees* ghal hwejjeg u affarijiet ta’ *designers* li kienet thallas ghalihom ir-rikorrenti kif wara kollox kienet l-istess rikorrenti li thallas ghan-negozju li kien jidhol ghalih l-intimat. Minkejja l-falliment tan-negozju, r-rikorrenti baqghet ta’ sostenn ghal zewgha, anke meta waqa’ f’*depression*.

Ir-rikorrenti tghid li l-intimat qatt ma kellu xi relazzjoni tajba ferma mal-ewwel wild tant li hija tghid li kien jghajru ghax kellu accent. Wara t-twelid tat-tieni wild, l-intimat u wara li l-partijiet marru jghixu f'dar gdida, l-intimat beda jghix jagixxi aktar ta' strangier tant li beda jqatta' hafna u hafna anqas hin mal-familja. Ghamel ukoll diversi hbiberiji ma' kollegi nisa tieghu tant li kien iqatta' hafna hin maghhom fuq it-*telephone*. Hi tghid ukoll li kien hemm zewg okkazjonijiet fejn l-intimat telaq mid-dar matrimonjali u temmen li r-raguni wara kollox kienet ir-relazzjoni li l-intimat kellu ma' mara ohra. Wara l-ulied sofrew minhabba n-nuqqas ta' missierhom fid-dar u wara li l-konvenut ghamel kondizzjoni fis-sens li tinbiegh id-dar u jixtru appartament ghal ommha u li l-attrici kellha taghmel tajjeb ghan-negozju l-gdid relatat mal-proprjeta'. Min-naha taghha r-rikorrenti ghamlitlu l-kondizzjoni li kellu jitlaq mill-*casino* filwaqt li hi ddecidiet li terga' tmur lura l-universita'. Assiguratu wkoll li kienet ser tafdah bid-decizjonijiet finanzjarji kollha ghaliex kienet determinata li tara z-zwieg taghha jahdem. L-intimat imbghad staqsiha biex fi kliemha stess "[she] ***co-fund***[s] ***a company with him***", Aides Limited u tghid li ghalkemm poggiha bhala direttrici tal-istess kumpanija, qatt ma rat paga u ma kellhiex hjiel ta' x'kien ghaddej ghaliex kienet ghaddejja bl-istudji taghha kif ukoll kienet qieghda tiehu hsieb liz-zewgt ulied. Fil-fatt, ir-rikorrenti tatu prokura generali biex jamministra hu.

Ir-rikorrenti ssemmi hafna ghajdut li semghet dwar flus u dejn ma' ragel Sqalli li mieghu allegatament ghandu d-dejn l-intimat izda il-Qorti tirrileva li tali dikjarazzjoni m'hijiex bizzejjed sabiex tikkostitwixxi prova kontra l-intimat.

Ir-rikorrenti tghid li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli primarjament minhabba l-fatt li l-intimat qatt ma kien iddedikat ghall-familja, qatt ma qatta' hin mal-familja u fuq kollox ghaliex ghamel dejn bil-mohbi tal-istess rikorrenti kif ukoll ghaliex kellu l-vizzju tax-xorb tant li kien johrog mal-hbieb ghall-anqas darbtejn fil-gimgha. Tghid ukoll li l-intimat ghandu wkoll il-vizzju tal-loghob u ta' spiss kien imur il-casino u proprju minhabba dan il-loghob, ghamel dejn ma' terzi. Minhabba dan id-dejn l-

intimat qabad u biegh il-gojjellerija taghha biex jaghmel tajjeb ghad-dejn. Tghid ukoll li ghamel xi investimenti ma' zewg kumpaniji (Nokia u Yukos) li marru hazin u li saret taf bihom biss ghaliex semghetu jitkellem dwarhom. Ir-rikorrenti taghti rendikont ta' diversi progetti u investimenti li kollha marru hazin u li fihom dahhal mhux biss familjari taghha izda nies li kienu jafu ghaliex bazikament kien jabbuza mill-fiducja taghhom. Id-dejn kompla jizdied. Is-sitwazzjoni finanzjarja ddegenerat b'tali mod li kellha tkun omm ir-rikorrenti stess li tkompli thallas l-ispejjez relattivi tal-iskola ta' wiehed mill-ulied (li kienet skola li setghet taghti l-attenzjoni individwali li kellu l-minuri) u kienet l-istess omm ir-rikorrenti li spiccat thallas ukoll il-kontijiet tal-partijiet (ghalkemm is-servizz tad-dawl u l-ilma gie maqtugh diversi drabi minhabba d-dejn kif gara wkoll bis-servizz tal-*mobile* tal-intimat), apparti mill-fatt li gieli hallset ukoll xi kredituri. Id-dejn tant kiber li l-ADT qabdet il-vettura, marru numru ta' marixxalli biex jigbru l-ghamara u l-mobbli fid-dar (inkluzi dawk li kienu proprjeta' parafernali taghha kif ukoll xi oggetti li kienu proprjeta' ta' ommha). Ir-rikorrenti tghid ukoll li l-irresponsabbilita' tal-intimat kompliet timmanifesta ruhha mill-fatt li l-intimat ghamel diversi negozji u fforma kumpaniji u li permezz taghhom, l-istess intimat kompla kabbar id-dejn b'mod konsiderevoli. Ir-rikorrenti tghid ukoll permezz tan-nota guramentata taghha li l-intimat ngaggaha biex tiffirma kostituzzjonijiet ta' debiti ta' ammonti kbar (kif ghamel ukoll lil terzi) tant li llum kemm hi u kemm ommha qieghdin jiffaccjaw kawzi u mandati kontra taghhom mill-kredituri tal-intimat.

Illi kien biss bl-ghajnuna ta' omm ir-rikorrenti li din tal-ahhar setghet issib xoghol filwaqt li n-nanna materna tal-ulied tiehu hsiebhom u fuq kollox taghtihom saqaf fuq rashom. Taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li jiddispjaciha sal-mewt li qatt fdat lill-intimat u li taghtu prokura generali biex jinnegozja u jamministra.

**<u>IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM IL-QORTI</u>**

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta li l-partijiet izzewgu nhar is-27 ta' Novembru 1993[1] u frott ta' dan iz-zwieg twieldu tliet ulied u cioe' D B li twieled nhar it-18 ta' April 1994, J B li twieled nhar l-20 ta' Gunju 2000 u T Marie B li twieldet nhar il-15 ta' Awwissu 2007[2].

Permezz tax-xhieda taghha, omm ir-rikorrenti tghid li l-intimat kien taha impressjoni tajba ghall-bidu u ghalhekk qatt ma basret li kien ser jasal biex jidhaq biha u b'bintha bil-mod ta' kif ghamel l-istess intimat. Hi tghid ukoll li meta r-rikorrenti bintha harget tqila, din tal-ahhar hassitha obbligata li tizzewweg lill-intimat (ghalkemm dan sar kontra r-rieda ta' ommha Mary Rose Holland minkejja li hija ma ndahlitx f'din id-decizjoni). Kienet omm ir-rikorrenti stess li hallset ghat-tieg kif ukoll ghall-post li kellu jservi bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet. Din id-dar inxtrat f'isem ir-rikorrenti. Mary Rose Holland tghid ukoll li kienet bintha li dejjem hadet hsieb lil uliedha ghaliex l-intimat qatt ma ta kaz jew wera xi interess partikolari.

Omm ir-rikorrenti tghid ukoll li kienet hi stess li hallset ghall-edukazzjoni u s-sahha tal-ulied (fil-maggor parti taghhom) u zzid tghid li l-intimat qarraq biha b'tali mod li prattikament hadilha gidha kollu. L-istess xhud tkompli taghti spjegazzjoni ta' dak li ghamel l-intimat u cioe' li ried jiftah hanut (kif fil-fatt ghamel bl-ghajnuna taghha) u li ried izomm dan il-hanut miftuh anke meta ddikjara fil-prezenza taghha stess li n-negozju ma kienx sejjer tajjeb. Imbaghad, gietu wkoll l-idea li jiftah hanut bil-hwejjeg tad-ditta u ghal dan il-hanut ix-xhud taghtu s-somma ta' Lm19,000 bhala rigal ghal kirja tal-hanut u ghamlet ukoll garanzija flimkien ma' missieru ghall-istess hanut. Tghid ukoll li f'Settembru tas-sena 1996 selfithom is-somma ta' Lm13,000 biex jixtru l-merkanzija. Hi tghid li sal-gurnata tal-lum ghadha ma tafx x'sar b'dawn il-flus (li jinkludu wkoll xi garanzij bankarji u personali). Kumplessivament, l-intimat hadilha l-ammont ta' €109,000.

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit u mmarkat bhala Dok. A mar-rikors promotur

[2] Ara c-certifikati tat-twelid esebiti u mmarkati bhala Dok. B mar-rikors promotur

Irene Borg ukoll tikkonferma li l-intimat kellu problemi bid-dejn tant li tghid li kien hemm episodju fejn talabha s-somma ta’ Lm400 li sal-lum baqghu qatt ma regghu gew rifuzi. Tghid ukoll li r-ragel taghha sellfu s-somma ta’ €800 ghal xoghol ta’ kostruzzjoni u li rnexxilhom jihduhom lura ghaliex kienet omm ir-rikorrenti Mary Rose Holland li ghamlet tajjeb ghal din is-somma.

Charles Galea wkoll jikkonferma li l-intimat kien talbu biex isellfu xi flus u jzid jghid li b’kollox tah is-somma ta’ €2900. Ix-xhud jghid li l-intimat tah lura biss is-somma ta’ €500.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-ittra ufficjali datata d-9 ta’ Novembru 2011 mibghuta lill-partijiet da parti ta’ Victor Fenech u li permezz taghha gew interpellati jhallsu l-ammont ta’ €80,000 relatat ma’ kuntratt pubbliku redatt fl-Atti tan-Nutar Dr. Jean Carl Debono kif ukoll ghall-ittra ufficjali datatas-26 ta’ April 2010 mibghuta lill-partijiet kif ukoll lil Aedes Company Limited u li permezz taghha Grazio Caruana interpellhom sabiex ihallsu s-somma ta’ €15,406.26 rapprezentanti l-ammont naxxenti mill-kuntratt tat-12 ta’ Novembru 2009 redatt fl-Atti tan-Nutar Francesca Spiteri Maempel flimkien mal-imghax legali. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghat-tieni ittra ufficcjali ta’ Grazio Caruana u li permezz taghha rega’ interpella lill-partijiet u lil Aedes Company Limited sabiex thallas l-ammont principali msemmi fl-ewwel ittra ufficjali flimkien mal-imghaxijiet li lahqu akkumulaw u li kienu jammontaw ghal €17,060.28 (liema kreditu sar ezekuttiv kif jirrizulta wkoll mit-taxxa esebita in atti). Issir referenza wkoll ghall-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv intavolat mill-Perit George Chetcuti kontra l-partijiet ghall-ammont ta’ €11,936 flimkien mal-imghax u l-ispejjez u dan wara li giet intavolata ta’ ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A li ma gietx opposta. Apparti minn hekk jirrizulta wkoll li anke hemm dejn pendenti mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-ammont ta’ €1379 kif jirrizulta mill-ittra ufficjali datata 19 ta’ April 2010 esebita in atti.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kopja tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija s C B u Victor Fenech** deciza nhar is-17 ta’ Frar 2009 u li permezz taghha l-intimat instab hati

talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intrprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika u ghamel qliegh ta' aktar minn €2329.37 ghad-dannu ta' diversi persuni inkluz in-Nutar Pubbliku Remigio Zammit Pace.

Il-Qorti terga' tirrileva li l-intimat, li huwa kontumaci f'dawn il-proceduri, lanqas ma ta x-xhieda tieghu jew ghazel li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet u ghaldaqstant, il-Qorti hija totalment sprovvista mill-verzjoni tieghu.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Dwar l-ewwel talba, u cioe' dik relatata mat-talba ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna C**[3] fejn gie ritenut li "***Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, it-theddid u l-ingurji gravi, izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija sufficjenti***" u zzid tghid li "***Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri…..Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***".

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[4] u **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia**[5] fejn gie ritenut li "***Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***" u zzid tghid ukoll li "***Sabiex tigi promossa t-talba ghas-***

---

[3] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit Nru 1715/2001)

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

[5] **Deciza nhar it- 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 98/2002)**

***separazzjoni mhux mehtieg kumulu ta` kawzali, kull wahda mill-kawzali ta' sevizji, it-theddid u l-ingurji gravi hija sufficjenti sabiex jigu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali***".

In vista ta' tali gurisprudenza u minghajr ebda bzonn ta' ripetizzjoni zejda, il-Qorti taghmel referenza ghall-paragrafi citati aktar 'l isfel kif ukoll ghax-xhieda mressqa mir-rikorrenti u il-Qorti terga' tikkonferma li hija moralment konvinta li l-intimat irrenda ruhu hati tas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba l-vizzju koroh tieghu, minhabba n-nuqqas ta' responsabbilita' lejn il-familja tieghu u fuq kollox minhabba l-karattru qarrieqi tieghu (kif evidenzjat ukoll mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata s-17 ta' Frar 2009 u ghalhekk ma tara ebda raguni ghala l-ewwel talba tar-rikorrenti m'ghandhiex tigi milqugha;

**DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-fatt li r-rikorrenti prezentat kemm il-kuntratt t'impjieg taghha kif ukoll numru ta' FS3s tal-impjieg taghha precedenti. Il-Qorti tirrileva li ghalkemm il-kuntratt ta' xoghol huwa wiehed definittiv u ser jiskadi f'Dicembru 2012, r-rikorrenti prezentement ghandha introjtu stabbli u fuq kollox ghandha l-kapacita' li tahdem. Il-Qorti tirrileva li huwa minnu li tali impjieg jista' facilment jigi terminat pero' il-Qorti hija prekluza milli tispekula *stante* li m'ghandha ebda informazzjoni dwar jekk tali kuntratt hux ser jigi mgedded jew le u jekk ser jigi fattwalment imgedded, ghal kemm zmien. Il-Qorti tirrileva wkoll li tali kuntratt juri kemm fil-fatt ir-rikorrenti hija kapaci tahdem. Barra minn hekk, l-istess rikorrenti *ex admissis* tiddikjara li hija ghandha sieheb gdid li strettament ifisser li l-istess rikorrenti tilfet id-dritt li titlob manteniment minghand zewgha. Konsegwentement ghal dak li jirrigwarda manteniment ghaliha, ma jidhirx li hemm il-lok li l-Qorti ghandha tghaddi biex tillikwida tali manteniment.

**DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-ULIED**

Din it-talba hija konsegwenzjali ghat-talba relatata mal-kura u l-kustodja tal-minuri. Gialadarba, il-Qorti qieghda tiddeciedi li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f'idejn ir-rikorrenti b'mod esklussiv (kif ser jigi diskuss fil-paragrafi segwenti), allura dan necessarjament ifisser li l-intimat ghandu jikkontribwixxi ghall-ghixien ta' wliedu billi jhallas manteniment ghalihom favur ir-rikorrenti ommhom. Dan qieghed jinghad in linea ta' gurisprudenza, fosthom il-kawzi fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[6] u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[7] fejn saret referenza ghal:

Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

"***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta'

[6] Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)
[7] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "***jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom***."

Certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skond id-dettami tal-ligi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-minuri m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, permezz tan-nota guramentata taghha, r-rikorrenti tiddikjara li hija tahdem bhala *self-employed professional youth support worker* mal-Foundation for Welfare Services u ghandha introjtu approssimattiv ta’ €1000 fix-xahar u dan wara li tigi mnaqqsa l-VAT u l-bolla. Hi tiddikjara wkoll li tali ammont mhux regolari tant li l-kuntratt ta’ impjieg prezentat mal-istess nota guramentat juri li l-kuntratt t’impjieg taghha huwa wiehed definittiv, u cioe’ sa’ Dicembru 2012. Hi tiddikjara wkoll li m’ghandha ebda introjtu iehor ghajr ghall-paga msemmija. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-elenku tal-ispejjez li r-rikorrenti stess tinkorri ghal uliedha kif ukoll ghad-digriet

tat-30 ta' April 2012 fejn gie degretat li l-intimat ghandu jhallas is-somma ta' €500 kull erba' gimghat bhala manteniment ghat-tliet ulied. Tenut kont li r-rikorrenti sejra tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri, u ghalhekk ir-responsabbilita' tal-istess minuri sejra tigi fdata lilha b'mod esklussiv, dan necessarjament ifisser li l-istess rikorrenti qieghda tikkontribwixxi ghall-istess minuri mhux biss b'mod finanzjarju (*stante* li l-ammont ta' manteniment hekk likwidat u li l-intimat huwa ordnat li jhallas zgur li mhux bizzejjed ghall-ghixien u hajja tajba ta' tliet ulied u ghalhekk ir-rikorrenti ser tikkontribwixxi favur l-istess minuri) izda ser tikkontribwixxi wkoll f'kull aspett iehor relatat mal-istess minuri *stante* li l-ulied ser jghixu mal-istess rikorrenti ommhom u ser ikunu taħt ir-responsabbilita' esklussiva taghha. Il-Qorti ghalhekk qieghda tillikwida l-manteniment kull erba' gimghat ghall-ulied qieghed jigi kkonfermat.

**DWAR IT-TALBA GHALL-KURA U L-KUSTODJA FAVUR IR-RIKORRENTI**

Illi l-Qorti terga' tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat m'ghandu ebda interess li jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri, tant li lanqas biss ipprezenta risposta ghall-kawza u ovvjament lanqas ma prezenta kontro-talba ghall-istess kura u l-kustodja. Minkejja li ghalhekk, jirrizulta li m'hemmx kontestazzjoni dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, il-Qorti tirrileva, li kwistjonijiet ta' natura daqshekk delikata dwar il-minuri, trid necessarjament tittiehed fl-ahjar interessi tal-minuri u dan qieghed jinghad in linea tal-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[8] u **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna C**[9] fejn gie ritenut li:

"***Il-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew fil-ligi antika, sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera, u f'dik lokali, hija regolata mill-principju ta' l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess ta' l-***

[8] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

[9] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) (Cit Nru 1715/2001)

***istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. In konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew meta l-konjugi jisseparaw ruhhom gudizzjarjament, sew meta jigu biex jisseparaw konsenswalment***”.

Il-Qorti imbaghad kompliet telabora l-kwistjoni tal-kura u l-kustodja f’kaz li l-genituri tal-minuri ma jibqghux jghixu taħt l-istess saqaf u l-istess Qorti ddikjarat li:

“***Il-kura u l-edukazzjoni tat-tfal, fil-kaz li l-mara ma tibqax tghix mar-ragel, trid dejjem tigi affidata lil dak, fost il-mizzewgin li jigi rikonoxxut bhala aktar adatt u idoneju sabiex jikkurahom u jedukahom, tenut kont ta' l-eta` ta' l-istess tfal u c-cirkostanzi kollha tal-kaz taht dawk il-provvediment li jigu kkunsidrati ghall-vantagg ta' tali tfal***”.

Il-Qorti tirrileva li hekk kif il-Qorti tispjega fid-dettal aktar ‘il quddiem, tiddikjara li hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li huwa fl-interessi supremi tal-minuri (u cioe’ J u T *stante* li D illum huwa maggorenni) li jkunu taħt il-kura u l-kustodja esklussiva tar-rikorrenti ommhom, b’access favur l-intimat missierhom u dan anke in vista tal-fatt li l-istess intimat qatt ma wera interess f’uliedu.

## <u>DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>

Ir-rikorrenti tikkontendi permezz tan-nota guramentata taghha li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti hemm il-fond bin-numru 74 / Flat 5A, f’Old College Street Sliema kif ukoll vettura Landrover Freelander bin-numru ta’ registrazzjoni GBD 486.

Il-Qorti, wara li laqghet ir-raba’ talba tar-rikorrenti ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta *stante* li zammet lill-intimat bhala l-konjugu responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg qieghda tilqa’ r-raba’ talba u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti bil-mod segwenti:

[1] Il-fond 74 / Flat 5A f'Old College Street Sliema ghandu jinbiegh fis-suq miftuh b'dan illi r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet b'dan illi jekk jirrizulta xi dejn fuq l-istess fond, dan ghandu jigi imhallas esklussivament mill-intimat;
[2] Il-mobbli kollha li jistghu ikunu ezistenti fl-imsemmi fond illum ghandhom jibqghu fl-istess fond u jibieghu ukoll izda dan ad eskluzjoni tal-oggetti personali, inkluż hwejjeg tal-partijiet;

[3] Il-vettura tat-tip Landrover Freelander bin-numru ta' registrazzjoni GBD 486 ghandha tinbiegh fis-suq miftuh b'dan li d-dejn gravanti l-istess vettura ghandu jigi mhallas b'mod esklussiv mill-intimat;

[4] Id-dejn hekk ikkontrattat mill-partijiet ad insaputa tal-parti l-ohra ghandu jigi kopert u mhallas b'mod esklussiv minn dik il-parti li tkun kontrattatu;

[5] Dwar il-kumpaniji La Vallette Development Limited C36174, Aedes Company Limited C32624, AVC Properties Limited C33218 u Bahia Estates Limited C38808, dawn ghandhom jitqiesu bhala l-proprjeta' esklussiva tal-intimat b'dan li ghandu jkun l-istess intimat li b'mod esklussiv ihallas u jkopri d-dejn gravanti l-istess. F'kaz li jirrizultaw xi kumpaniji ohra, dawn ghandhom ukoll jigu meqjusa bhala l-proprjeta' esklussiva tal-intimat b'dan li ghandu jkun l-istess intimat li jhallas u jkopri d-dejn gravanti fuq l-istess kumpaniji.

**DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMAT**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia** deciza fit- 2 ta' Ottubru 2003[10] fejn ghamlet referenza ghal Artikolu 51 tal-Kodici Civili li jiddisponi li:-

"***Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikolu 40*** [u cioe' eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment]***, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom jghoddu, f'kollox jew f'bicca, id-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu." L-effetti kontemplati mill-artikolu fuq citat ghandhom japplikaw biss f'kaz fejn iz-zwieg ikun tfarrak bi htija preponderanti ta' xi hadd mill-mizzewgin***".

Il-Qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija unikament imputabbli lill-intimat u ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tilqa' l-hames talba tar-rikorrenti u tapplika l-Artikolu 48 *et seq* kontra l-intimat;

---
[10] Rik Ġur Nru 98/2002

**<u>DWAR IT-TALBA GHAR-RESTITUZZJONI TAL-ASSI PARAFERNALI TAR-RIKORRENTI</u>**

Il-Qorti tirrileva li dwar din it-talba, r-rikorrenti ma tipproduci ebda prova dokumentarja jew ohra. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas, il-Qorti ma ghandha ebda triq ohra hlief li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba.

**<u>DECIDE</u>**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-intimat filwaqt li r-rikorrenti qieghda tigi awtorizzata tghix b'mod separata mill-konvenut;

[2] Tilqa' it-tieni talba limitatament ghal dak li jirrigwarda manteniment tal-ulied u tiffisa l-manteniment fir-rata ta' €167 ghal kull wild pagabbli kull erbgħa (4) gimgħat u dan sakemm kull wild ikollu ikun qiegħed jistudja fuq bazi *full-time* u jkun ghalaq l-eta' ta' 23 sena;

[3] Tilqa' it-tielet talba u tordna illi l-kura u kusotdja tal-ulied minuri J u T ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn r-rikorrenti u takkorda access favur l-intimat kull nhar ta' Erbgha minn wara l-iskola sas-7.00pm u jkun hemm *overnight stay* ta' bejn il-Gimgha u s-Sibt u b'mod alternattiv il-gimgha ta' wara bejn is-Sibt u l-Hadd mill-4.00pm sal-12.00pm tal-ghada filghodu;

[4] Tilqa r-raba' talba hekk kif kontemplat ukoll taħt il-kappa intestata 'Dwar it-Talba Ghax-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti';

[5] Tilqa' l-hames talba;

[6] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt, is-seba' u t-tmien talba;

[7] Tilqa'  d-disa' talba u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Holland;

[8] Tilqa' l-ghaxar talba;

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------